**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 11 ta' Mejju, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Frank Tabone)**

**vs**

**Emanuel Magri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Emanuel Magri detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 192963M akkuzat talli fis-26 ta' Dicembru 2003 u matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data;

Assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f' dawn il-gzejjer jew barra min dawn il Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga Eroina f' dawn il-gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwa, organizza, jew iffinanzja l-assoccazzjoni, sabiex tigi mpurtata f' Malta d-droga eroina u dan bi ksur tal-Artikolu 22 (1) (f) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fis-26 ta' Dicembru 2003 gewwa l-Kwartieri General tal-Pulizija fil-fond tal-kumpless tad-dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali, ittanta jikkorrompi jew jhajjar ghal korruzzjoni Ufficjal Pubbliku cioe lil Spettur Norbert Ciappara billi joffrilu rigal, jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor.

Rat illi wara li fit-12 ta' Awwissu 2014 l-imputat odjern ircieva Att ta' Akkuza dwar zewg reati li allegatament sehhew fis-sena 2003 fejn akkuza minnhom tirrigwarda assocjazzjoni, importazzjoni, bejgh jew traffikar ta' 546.344 grammi eroina b' purita' ta' ghoxrin fil-mija (20%) u t-tieni akkuza illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ittanta li jikkorrompi jew ihajjar ghall-korruzzjoni ta' Ufficjal pubbliku, l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara.

Rat illi permezz ta' rikors intavolat quddiem il-Qorti Kriminali fl-1 ta' Settembru 2014 l-imputat uzufruwixxa mill-procedura introdotta permezz tal-Att numru XXIV/2014 li dahal fis-sehh tal-ewwel (1) ta' Awwissu tal-elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu  setghat tigi challenged id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali illi jaghzel il-Qorti fejn persuna ghandha tigi processata, ghall-ewwel darba tista' ghar-ragunijiet moghtija fl-Att fuq imsemmi numru XXIV/2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2014 fejn gie deciz is-segwenti:-

> Ghalhekk meta l-Qorti tara dan il-kaz holistikament issib illi dana huwa "borderline case" illi jista' jmur zewg nahat – jew processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew quddiem il-Qorti Kriminali. F' dan il-kaz pero' l-Qorti trid tiehu d-decizjoni l-aktar favorevoli ghall-akkuzat u ghalhekk tordna illi tilqa' t-talba tal-akkuzat u tordna illi ghandu jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghal kull buon fini qieghda tannetti ma' dan id-digriet l-istatistika fuq x'hiex ibbazat id-decizjoni taghha.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-2 ta' Dicembru 2014 (inserita a fol. 722 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 120(1)(2), 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 92, 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga u korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. Fl-24 ta' Dicembru 2003 il-Pulizija Ezekuttiva (Skwadra kontra d-Droga) kienet qed tinvestiga rapport anonimu li sarilha dwar persuna ta' nazzjonalita Bulgara li kien diehel Malta, b' titjira minn Frankfurt u fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bid-droga. Din il-persuna kien ragel bl-isem ta' Atanas Paskalev Dimitrov u kien qed jivvjagga fuq titjira LH 4106 gejja Malta mit-Turkija via Frankfurt. Malli Atanas Paskalev Dimitrov wasal Malta huwa gie osservat mill-Pulizija sabiex jigi determinat jekk kienx ser jaghmel kuntatt ma' xi hadd izda meta dan ma sarx huwa gie arrestat u nterrogat fejn huwa ghazel li jikkopera mal-Pulizija u accetta li jittiehed l-Isptar sabiex isirlu X-Ray tal-abdomen. Wara li sarlu dan il-X-Ray gie determinat li huwa kellu kapsoli b' sustanza suspettata droga u huwa accetta li jkompli jikkopera mal-Pulizija u jibqa' l-Isptar sabiex jghaddi l-kapsoli.

Paskalev Dimitrov accetta wkoll li ssir Controlled Delivery a tenur tal-Artikolu 30B(1)(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li l-istess Pulizija ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal- Magistrat Inkwirenti sabiex issir il-Controlled Delivery[1] Paskalev Dimitrov xeghel mobile phone li kien inghata minghand min baghtu mit-Turkija fejn inghad lilu li kien ser jircievi struzzjonijiet fuq l-istess mobile phone malli jasal Malta u jixghel il-mobile.

Illi wara ftit minuti li Atanas Paskalev xeghel l-mobile phone mill-ewwel ircieva telefonata fejn kien mistoqsi jekk kienx kollox sewwa. Wara li hu

[1] Vide Kopja tal-Process Verbal relattiv a fol 30 et seq

inzamm l-isptar taht osservazzjoni medika, sakemm jghaddi l-kapsoli kollha, Atanas ircieva telefonata ohra nhar l-24 ta' Dicembru 2003 filghaxija fejn kien mistoqsi jekk kienx kollox sewwa u kien infurmat li kien sa jerga jircievi telefonata ohra nhar il-25 ta' Dicembru filghodu .Fil-25 ta' Dicembru 2003 ghal habta ta' 9.00 Atanas ircieva telefonata u fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Norbert Ciappara, hu kien mitlub sabiex jghid lil min cempillu sabiex jerga jcempel aktar tard fit-sitta ta' filghaxija. Ghal habta ta' sitta ta' filghaxija Atanas rega rcieva telefonata u fuq struzzjonijiet tal-istess Spettur, Atanas qal lil min kien qed icempillu li kien lest. Wara din l-istess informazzjoni Atanas gie infurmat li kellu jircievi aktar struzzjonijiet nhar is-26 ta' Dicembru ghal habta tad-9am.

Illi nhar is-26 ta' Dicembru ghal habta ta' disgha ta' filghodu Atanas rcieva din it-telefonata fejn gie mitlub sabiex johrog fuq l-ghatba tal-lukanda f' San Giljan. Peress li Atanas Paskalev Dimitriv kien rikoverat l-isptar, PC1183 Oliver Borg kien inkarigat sabiex jagixxi minflokk Atanas Paskalev Dimitrov.

Illi wara li PC1183 Oliver Borg hareg fuq l-ghatba tal-Valentino Hotel ta' San Giljan Paceville, fejn Dimitrov kien spjega lill-Pulizija li kellu struzzjonijiet biex joqghod f' din il-lukanda.  Dimitrov ircieva telefonata u messagg fejn kien mitlub sabiex imur l-Imdina, Rabat Malta b' taxi. PC1183 Oliver Borg ghalhekk rikeb f' taxi fejn talab li jitwassal ir-Rabat (Malta) fuq is-Saqqajja hdejn l-Imdina, fejn wara xi hin hu kien avvicinat minn persuna, l-imputat Emanuel Magri, li originarjament kien is-suspettat li ghalih kienet destinata id-droga.

Illi ftit wara li resaq fuqu PC1183 kien mistoqsi minn Magri jekk kienx Atanas u wara li PC1183 qallu "yes" Emanuel Magri rrisponda "come, come" u wara PC1183 urih il-basket tal-plastic li kien jikkontjeni kapsoli finti maghmula mill-Pulizija, u fuq reazzjoni ta' Emanuel Magri PC1183 qallu "money first" u ghat–tieni darba Emanuel Magri qallu "yes yes come"- u dak il-hin Emanuel Magri kien arrestat mill-Pulizija ghal aktar investigazzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi wara li gie arrestat u nterrogat l-imputat fis-27 ta' Dicembru 2003 irrilaxxja l-istqarrija nserita a fol 3 sa 7 tal-atti processwali fejn indika li huwa kien gie inkarigat jigbor l-pakkett minn habib tieghu Mario Borg. Huwa qal li sar jaf lil Mario Borg madwar sentejn qabel Hal Far ghaliex kien dilettant tal-karozzi u dan tal-ahhar kellu karozza tat-tlielaq. L-imputat qal li Borg talbu jiltaqa' ma' ragel barrani sabiex jigbor pakkett u jghaddilu l-flus li kien tah Borg hdejn l-Kappella li kien hemm Paceville u ntqal lilu u li dan ragel kien jismu Atanas. L-imputat qal lill-Pulizija li Mario Borg iltaqa' mieghu hdejn il-Wembley Garage sabiex jghaddilu l-flus u sostna li Borg ma setghax imur huwa stess ghaliex ried iwassal lil mara x-xoghol. L-Imputat qal ukoll li huwa mar jistenna fil-vettura tieghu parkeggata quddiem restaurant tal-pizza li ma kienx jaf x' jismu u wara li stenna ghall xi hin u ma ra lil hadd telaq minn fuq il-post. Wara li rega' kkomunika ma Mario Borg dan tah struzzjonijiet sabiex imur l-Imdina, hdejn il-bieb tal-Imdina fejn kellha ssir il-konsenja tal-pakkett u tal-flus. L-imputat qal lill-Pulizija li huwa ma kienx jaf li l-pakkett li kien ser jigi konsenjat lilu kien fih id-droga erojina. Huwa qal ukoll li kien qed jaghmel

dan kollu bi pjacir ghal Mario u li ma kienx ser jiehu xejn ghal dan il-pjacir. Mill-istqarrija stess jirrizulta li f' xi hin waqt it-tehid tal-istess l-imputat talab li ikun hemm interruzzjoni sabiex ikellem lill-Ispettur Norbert Ciappara wahdu.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Gunju 2017 fejn essenzjalment irrepeta l-istess affarijiet li kien qal fl-istqarrija.

Huwa spjega li kien bidwi jrabbi l-annimali u jaghmel xoghol ta' gebel. Qal li kien dilettant tal-karozzi u li kien b' dan il-mod li sar jaf lil Mario Borg. Huwa sostna li dan Borg talbu jaghmillu pjacir u jiltaqa ma dan ir-ragel barrani sabiex jigbor pakkett u jikkonsenjalu l-flus li ghaddielu Borg u dan peress li dan tal-ahhar kellu jwassal lil mara x-xoghol. L-imputat qal li huwa haseb li fil-pakkett kien hemm parts tal-karozzi. Huwa qal ukoll li qatt ma kellu kazijiet ohra konnessi mad-droga qabel u li l-anqas qatt ma kien ikkomunika ma xi hadd mit-Turkija.

Ikkunsidrat :

Illi mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud, insert a fol 50 et sequitur tal-atti processwali, irrizulta li fil-hamsa u tletin (35) kapsola li ghadda Atanas Paskalev Dimitrov kien hemm 546.344 gramma tad-droga eroina li l-purita taghha kienet ta' cirka 20% u li din is-sustanza li hija narcotic analgesic hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel

Skeda, Taqsima 1 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-istess espert[2], il-valur ta' din id-droga hija ta Lm 16, 390.

Ikkunsidrat :

Illi PC 1183 Oliver Borg xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2011 u huwa qal hekk dwar il-konsenja kontrollata li saret fis-26 ta' Dicembru 2003:-

> *Fis-26 ta' Dicembru 2003 niftakar li kont xoghol madsak iz-zmien l-Ispettur Norbert Ciappara. Niftakar li ghall-habta tal-10.30 am hu tani struzzjonijiet biex jien mmur il-Valentino Hotel gewwa Paceville. Hemm hekk jien kelli naghmel kuntatt ma individwu. Jien kont qed nimpresonenetja certu Atanas Paskalev, Bugharu li iktar kmieni kien inqabad b'ammont ta' droga. Niftakar li kultant jien bdejt nohrog mill-hotel bil-pakkett li kien f'idi li kien kopja tad-droga li kienet instabet ghand is-Sur Paslakev. Niftakar li jien stajt nara Hyundai Accent taghmel patrol fl-area kontinwament u go fiha kien hemm persuna bil-goatie u kellu beritta bil-kelma 'Roma' fuqha. Niftakar li f'xi hin jiena rcevejt struzzjonijiet biex naqbad taxi u nitla' l-Imdina u jien hekk ghamilt. Malli wasalt l-Mdina jien bdejt nimxi gewwa l-Mdina u avvicinani Mr Emanuel Magri li jien qed ngharaf f'din l-awla bhala l-imputat. Hu resaq lejja u qalli 'Atanas?' u jien ghedtlu 'yes'. U jien wrejtu l-pakkett li kelli f'idi. X'hin wrejtu l-pakkett wiccu xeghel u jien ergajt gbidtu lura. Ghidtlu 'money first' u qalli 'yes come with me'. Dar lura u malli dar lura sab lil PS 1086 li waqqfu. Niftakar li ghamilna tfittxija fuq il-persuna tieghu u instabu 2300 dollars u LM176. Instab ukoll mobile tal-ghamla Nokia. Dawn l–affarijiet kollha gew migbura bil-persuna b'kollox u mghoddija lill-ispettur Ciappara ghall-investigazzjoni. Niftakar li r-ricevuti ghall-flus u ghall-mobile hrigthom jiena stess.*

[2] Vide xhieda a fol 281

Illi PS1086 Johan Micallef li xehed ukoll waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2011 qal hekk dwar l-involviment tieghu fil-Controlled Delivery tas-26 ta' Dicembru 2003:-

*Fis-26 ta' Dicembru 2003 kellna struzzjonijiet sabiex ninzlu il-Valentino Hotel gewwa Paceville. Hemm hekk kellu jkun hemm PC1183 Oliver Borg fejn gie moghti mis-Sur Ciappara baskett fejn kien jikkontjeni kapsoli maghmula biex jidhru taparsi kapsoli u kellna nistennew izjed struzzjonijiet minghandu. Konna nafu wkoll li kien hemm certu wiehed Atanas li kien qed jigi mizmum gewwa l-isptar fejn kien instab li kien qed igorr fuqu xi kapsoli u bejna naghmlu kuntatt mas-Sur Ciappara u kont nircevi telefonata mill-ispettur fejn kien jghidli biex nghaddi jien lil PC1183 fejn dan meta kien qed johrog barra mil-lukanda kienet qed tidher karozza Accent hadra bin-numru tar-registrazzjoni LAA 884. Din kienet misjuqa minn Emanuel Magri li qed naghraf bhala l-imputat f'din l-awla. Dak iz-zmien ukoll kien qieghed b'goatie u kellu beritta go rasu u din bdeit ddur diversi drabi fl-akwati tal-Valentino Hotel.*

Qorti : Tiftakar xi haga dwar il-beritta?

Xhud : Le niftakar kienet skura. Ma niftakar xejn izjed. Ircevejt telefonata fejn is-Sur Ciappara kien qalli sabiex nitilghu il-Belt. Hemm hekk PC 1183 kien tela' maghna u inzilna il-Belt u mill-Belt Atanas kien rega rceva xi telefonata fejn qalulu biex jaqbad taxi u jitla' lejn l-Mdina. Hemm hekk ghidt lil PC 1183 sabiex jaqbad taxi u fil-fatt qabad taxi u tlajna l-Mdina. Dahal PC1183 gewwa l-Mdina. Jien dhalt bil-mixi warajh u ftit tal-hin wara li wasalna ahna resaq fuqu Emanuel Magri li konna nafuh bhala il-Plattu, resaq fuq PC1183, rajthom jiggestjonaw b'idejhom u rajr lil Emanuel Magri li kellu envelope abjad f'idejh li kien ser jaghtih lil PC 1183. Dak il-mument mort fuqu fejn malli kont ser inzommu telaq dan l-envelope mal-art fejn kien jikkontjeni 2300 US Dollar u xi ammont ta' flus Maltin ukoll. Hemm hekk gie arrestat u mehud id-Depot ghal iktar investigazzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi Atanas Paskalev Dimitrov rega' xehed f' dawn l-atti waqt l-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2011 wara li l-process rega' gie rikostruwit stante li l-process originali gie nieqes ghaliex bi probabilita insteraq.

Illi dan ix-xhud ikkonferma li kien inqabad diehel fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta b' diversi kapsoli kontenenti droga fl-istonku. Huwa qal ukoll li kien intbaghat mit-Turkija minn persuna li ma jafx min hi. Paskalev Dimitrov ikkonferma li wara li huwa gie arrestat l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta huwa ttiehed l-Isptar sabiex jghaddi l-kapsoli izda ma jiftakarx kemm il-kapsola kien ghadda. Huwa spjega wkoll li din kienet it-tieni darba li kien gie Malta bil-kapsoli u qal li min tah il-kapsoli sabiex jiblahom kien tah ukoll telephone cellulari li kellu juza sabiex jircievi struzzjonijiet fuqu meta jasal Malta dwar dak li kellu jaghmel bil-kapsoli. Huwa qal ukoll li kien ircieva telefonata waqt li kien l-Isptar sabiex jarmi l-kapsoli f' bini San Giljan fejn xi hadd iehor imbaghad kellu jigborhom.

Illi kopja tas-sentenza moghtija fil-konfronti ta' Atanas Paskalev Dimitrov tinstab inserita a fol. 571 et sequitur tal-atti processwali.

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed is-Supretendent Norbert Ciappara waqt l-udjenza tat-12 t' April 2013 huwa spjega li waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat dan tal-ahhar kien talab li PC 599 Clive Mangion johrog mill-kamra u malli sar hekk huwa qal lis-Supretendent Ciappara (dak iz-zmien Spettur), "Jekk nirrangaw xi haga naghmillek rigal sabih."

Ikkunsidrat:

Ili f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b' zewg reati li allegatament sehhew fis-26 ta' Dicembru 2003 u matul l-ahhar granet qabel din id-data u cioe' (1) bir-reat ta' assocjazzjoni ghall-bejgh jew traffikar ta' 546.344 gramma erojina b' purita' ta' 20% u (2) li ttenta jikkorrompi ufficjal pubbliku jew ittenta ihajjar ghall-korruzzjoni ta ufficjal pubbliku l-Assistant Kummissarju (dak iz-zmien Spettur) Norbert Ciappara.

<u>L-ewwel imputazzjoni – Ir-reat ta' assocjazzjoni ma' persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta sabiex tigi traffikata jew tinbiegh id-droga eroina</u>.

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni sabiex tigi ittraffikata jew tinbiegh id-droga eroina jew talli ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni irrizulta li fl-24 ta' Dicembru 2003 Atanas Paskalev Dimitrov wasal fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fuq titjira minn Frankfurt wara li kien telaq mit-Turkija u li huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija (Skwadra kontra d-Droga) abbazi ta' nformazzjoni li kellhom dawn tal-ahhar li huwa kien ser ikun fil-pussess ta' droga destinata ghal terzi persuni hawn Malta. Irrizulta wkoll li dan Dimitrov fil-fatt kien qed igorr f' gismu 35 kapsola kontenenti 546.344 gramma eroina b' purita' ta' 20% u li huwa kien ser jinghata struzzjonijiet dwar x' ghandu jaghmel bid-droga fuq mobile phone li kien inghata mill-persuna mit-Turkija li baghtitu bid-droga. Mill-provi rrizulta wkoll li Dimitrov accetta li jikkollabora mal-Pulizija u fil-fatt saret konsenja kontrollata fejn wara li l-istess Dimitrov beda' jghaddi l-kapsoli huwa rcieva struzzjonijiet fuq il-mobile phone imsemmi l-ewwel sabiex johrog fuq l-ghatba tal-lukanda f' San Giljan fejn kien intqal lilu sabiex imur joqghod fiha u sussegwentement l-Imdina fejn kellu jikkonsenja l-kapsoli lil ragel li kellu jghaddielu l-flus ghal din id-droga. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat odjern Emanuel Magri kien il-persuna li mar kemm San Giljan kif ukoll l-Imdina sabiex jiehu l-konsenja tad-droga u jeffetwa l-pagament relattiv. Mill-provi rrizulta wkoll li minflok Dimitrov mar PC1183 Oliver Borg u meta dan xehed f' dawn il-proceduri kkonferma li meta huwa hareg fuq l-ghatba tal-lukanda f' Paceville ra lill-imputat jippatrolja z-zona diversi drabi bil-vettura tieghu u li meta mar l-Imdina l-istess imputat avvicinah, indirizzah bhala Atanas u kien ser jiehu l-konsenja tal-pakkett kontenenti l-kapsoli finti u meta huwa (PC1183) qallu 'money first' dan rega' qallu sabiex imur mieghu u kien f' dan l-istadju li l-imputat gie arrestat minn PS1086 fejn huwa waddab envelope mal-art li rrizulta li kien fih 2300 US Dollars u Lm176.

Illi kif diga' inghad aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza l-imputat isostni li huwa tqabbad sabiex jigbor dan il-pakkett minn certu Mario Borg li jghid li kien habib tieghu u li kien sar jafu minhabba d-delizzju tieghu tal-karozzi tat-tlielaq. Huwa jsostni wkoll li ma kienx jaf x' kien fih dan il-pakkett u li haseb li kien fih xi parts tal-karozzi u li mar jigbor l-istess pakkett bhala pjacir ghaliex Borg ma setghax imur hu peress li kellu jiehu l-mara x-xoghol.

Illi d-Difiza qed tikkontendi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-imputat kellu x-xjenza li huwa kien qed jippartecipa f' konsenja ta' pakkett kontenenti d-droga u li ghalhekk ma saritx il-prova tal-ftehim jew assocjazzjoni sabiex tigi importata u traffikata d-droga hawn Malta u li konsegwentement huwa ma jistghax jinstab hati tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ikun hati ta' reat kull min:

> **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Maltajew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi,jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

Skond l-Artikolu 22(1A):

> **"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew**

**miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

Illi dwar l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni in dizamina din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghall-espozizzjoni legali ezawrjenti maghmula f'sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tas-26 ta' April 2018 fil-kawza fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia' fejn intqal hekk:-

*Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 dejjem gew ritenuti li huma erba u senjatament :*

***"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;***

***2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,***

***3. sabiex tigi traffikata d-droga; u***

***4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.***

***It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.[3]"***

*Illi dawn il-kazijiet li jitrattaw l-assocjazzjoni fir-reat ta' l-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jipprezentaw certu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuza billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jipprezenta ruhu hafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ha l-briga li jassocja ruhu ma' terza persuna ghal fini biex tigi traffikata d-droga ser jara illi ma jhallix tracci warajh li b'xi mod jindikaw l-ezistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaccjati b'tali diffikulta kif johrog car mill-gurisprudenza in materja.*

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004

*Illi is-sentenza li dahlet funditus fl-elementi tar-reat ta' l-assozjazzjoni hija* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul***[4]*, fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkowtat awturi u gurisprudenza meta sahqet illi* l-prova tal-ftehim tista' tirrizulta minn inferenzi li johorgu mill-attivita kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuz. Izda mhux biss, ghaliex jistghu jipprezentaw rwiehom kazijiet fejn dak pattwit ma jkunx gie attwat ghal xi raguni kemm indipendenti mill-volonta tal-malviventi, kif ukoll ghal motivi ohra li jistghu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-kazijiet ir-reat ta'l-assocjazzjoni xorta wahda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milhuq bejn tnejn jew aktar:

> **"F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:**
>
> **"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."**
>
> **"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."**

Illi f' sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri) tat-2 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet 'the Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden' imbaghad intqal hekk wara li gie kwotat il-bran minn Archbold appena indikat hawn fuq :-

---

[4] Deciza 17/05/2005 App.Sup.

*In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is started therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. Unfortunately defence counsel misinterpreted* that quotation and wrongly submitted that proof of the existence of a conspiracy has to be deduced or inferred from the criminal acts of the parties, and even seems to have led the first Court to understand that that was the conclusion to be derived from the Godfrey Ellul case. This is clearly incorrect. As one finds stated on the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice.

"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference decided from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions..."

This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed this is the very essence of conspiracy."

Illi din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk mill-provi diretti kif ukoll dawk cirkostanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz jistghax jitqies li jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat odjern kien parti minn cirku ta' nies li ftehmu li jimpurtaw id-droga eroina gewwa Malta permezz ta' Atanas Paskalev Dimitrov. Din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kien hemm ftehim bejn aktar minn persuna wahda sabiex tiddahhal id-droga eroina hawn Malta mit-Turkija permezz ta' Atanas Paskalev Dimitrov. L-istess Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova li Emanuel Magri kien il-persuna li mar kemm San Giljan kif ukoll l-Imdina sabiex jiehu l-konsenja tad-droga li ngabet Malta minn Dimitrov u skond l-istruzzjonijiet li kien qed jircievi Dimitrov fuq il-mobile phone konsenjat lilu minghand il-persuna fit-Turkija li tatu d-droga sabiex din tigi migjuba Malta. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova li l-imputat kellu fuqu l-flus sabiex ihallas lil dak li huwa haseb li kien Dimitrov ghall-konsenja tad-droga. L-istess Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll li kien hemm ftehim bejn l-imputat u Mario Borg sabiex huwa jmur kemm San Giljan u sussegwentement l-Imdina sabiex jigbor il-pakkett minghand il-persuna barranija u jhallsu bi flus kontanti li kien ghaddielu Borg ghal din il-konsenja.

Illi din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi x-xhieda tal-imputat dwar ir-raguni il-ghala huwa mar jigbor il-pakkett u li ma kienx jaf li dan fih id-droga hija wahda ghal kollox inverosimili u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox din il-Qorti ma tistghax tifhem kif jekk verament Mario Borg ma setghax imur huwa stess jigbor il-pakkett ghaliex ried jiehu l-mara x-xoghol huwa ltaqa' mal-imputat hdejn il-Wembley Garage f'San Giljan sabiex jaghtih l-envelope bil-flus u dan biss ftit minuti qabel

ma kellu jsir l-inkontru ma Dimitrov hdejn il-kappella ta' Paceville u cioe' zewg passi l-boghod minn fejn Borg iltaqa' mal-imputat. Wiehed ghalhekk ikun gustifikat li jistaqsi ghalfejn Borg ma marx huwa stess jigbor il-pakkett?

Illi inoltre wiehed ikompli jistaqsi ghalfejn l-imputat li suppost kien qed jaghmel pjacir lil Borg waqt li dan mar iwassal il-mara x-xoghol li una volta li ma sehhx l-inkontru ma Dimitrov f' San Giljan ma setghax imur Borg innifsu l-Imdina jigbor il-pakkett? Wiehed ikompli jistaqsi ghalfejn xeghel wicc l-imputat meta ltaqa' ma PC1183, li huwa haseb li kien Atanas meta huwa suppost kien qed jigbor pakkett bil-parts tal-karozzi u bi pjacir ghal haddiehor? Wiehed jistaqsi wkoll ghalfejn l-imputat hass li kellu jarmi l-envelope bil-flus mal-art malli gie mwaqqaf u arrestat minn PS1086 Johan Micallef jekk huwa kull ma kien qed jaghmel kien skond hu li jircievi l-konsenja ta' pakkett bil-parts ta' karozza? Fil-fehma tal-Qorti minn dawn il-fatti kollha wiehed jista' jinferixxi li l-imputat mhux biss kien miftiehem ma Mario Borg sabiex jigbor il-pakkett minghand Dimitrov u jhallas lill-istess Dimitrov izda li huwa kien jaf ben tajjeb x' kien hemm fl-istess pakkett u kien ghal din ir-raguni li xeghel wiccu malli ltaqa' ma PC1183 li huwa haseb li kien Dimitrov u li rema' l-pakkett bil-flus mal-art malli nduna li nqabad mill-Pulizija.

Illi fis-sentenza 'Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia' citata aktar il-fuq saret is-segwenti referenza dwar l-inferenza:-

> **"….. as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a**

> **criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of *mens rea*, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.**
>
> **"Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): *"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."***
>
> **"The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt."**

Illi maghmula dawn il-konstatazzjonijiet jista' jinghad li din il-Qorti m' ghandiex dubju illi l-elementi ta' dritt marbuta mar-reat tal-assocjazzjoni tal-impurtar, traffikar u bejgh tad-droga jirrizultaw kollha pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u li l-imputat kien parti integrali fl-assocjazzjoni ta' nies li ftehmu sabiex tigi mportata u traffikata gewwa Malta d-droga in dizamina u ghalhekk huwa ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

<u>It-tieni imputazzjoni - Korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku.</u>

Illi fit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat hemm indikat li l-allegat attentat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku (l-Ispettur Norbert Ciappara) sar fis-26 ta' Dicembru 2003.

Illi kemm mix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara nnifsu, li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, li tinsab inserita a fol. 7 et sequitur tal-atti processwali, jirrizulta li t-tentattiv ta' korruzzjoni sar waqt it-tehid tal-istess stqarrija fejn l-imputat talab li t-tehid ta' din l-istqarrija jigi nterrott u li PC 599 li kien xhud tal-istqarrija johrog barra mill-kamra sabiex huwa ikun jista' jkellem lill-ispettur Ciappara wahdu fejn wara li PC599 hareg barra l-imputat offra li jaghti rigal sabih lill-ispettur jekk dan kien ser jghinu. Mill-atti jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li din l-istqarrija ttiehdet fis-**27 ta' Dicembru 2003** u li bdiet tittiehed f'13.33pm u giet interrotta fil-14.11pm fuq talba tal-imputat sabiex ikellem lill-Ispettur wahdu. Jidher ghalhekk li t-tieni akkuza kif dedotta fil-konfronti tal-imputat u li tirreferi ghad-data specifika tas-**26 ta' Dicembru 2003** ma tistghax treggi ghaliex imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li fis-26 ta' Dicembru 2003 sar xi tentattiv ta' korruzzjoni tal-ispettur Norbert Ciappara da parti tal-imputat odjern. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jistax jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat it-tip ta' droga misjuba kif ukoll il-kwantita.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a) (f), (1A)(1B), (2)(b)(i), 26, 27, 28 u 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Avviz legali 292/1939) kif ukoll l-Artikoli 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah seba' (7) snin prigunerija u multa ta' sitt elef Ewro (€6,000.00) u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus misjuba fuq l-imputat. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn, disgha u tletin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€239.84[5]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[5] Rapport ta' Dr Martin Bajada pg 169-174 Lm54.58c (€127.14), rapport iehor ta' Dr. Marin Bajada pg 216-219 Lm 48.38c (€112.70).